

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/1933****tal-10 ta' Diċembru 2018****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 356/2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK tas-26 ta' April 2010 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tirrevoka l-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010 <sup>(2)</sup> jagħti effett għall-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2010/231/PESK.
- (2) Fl-14 ta' Novembru 2018, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni 2444 (2018). Din ir-Riżoluzzjoni tinnotta li wieħed mill-kriterji għall-ejenkar taħt ir-Riżoluzzjoni 1844 (2008) huwa l-impenn fi jew il-forniment ta' appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tas-Somalja, u tiddeċiedi li atti bħal dawn jistgħu jinkludu wkoll, iżda mhumiex limitati għall-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jinvolvu vjolenza sesswali u vjolenza bbażata fuq il-ġeneru.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1945 <sup>(3)</sup> emendat id-Deċiżjoni 2010/231/PESK sabiex tirrifletti l-bidliet fir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 2444 (2018).
- (4) Dawn il-miżuri huma koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, bl-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 356/2010 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 2(3), is-subparagrafu (a) tar-Regolament (UE) Nru 356/2010 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “(a) li huma impenjati fi, jew li jipprovdu appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tas-Somalja, meta tali atti jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:
- (i) l-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jinvolvu vjolenza sesswali u vjolenza bbażata fuq il-ġeneru;
  - (ii) atti li jheddu l-proċess ta' paċi u r-rikonċiljazzjoni fis-Somalja;
  - (iii) atti li jheddu l-Gvern Federali tas-Somalja jew il-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM) bil-forza;”.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK tas-26 ta' April 2010 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tirrevoka l-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK (ĠU L 105, 27.4.2010, p. 17).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010 tas-26 ta' April 2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja (ĠU L 105, 27.4.2010, p. 1).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1945 tal-10 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja (ara l-paġna 61 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

---